Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 463/2014

Il-Pulizja

Spettur Jesmond Micallef

Vs

Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi

Illum 17 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 123804L, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar t'Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta Kapitolu 9 u cioe':

1. Talli f'San Pawl il-Bahar, fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju u Awwissu 2008, matul il-jum, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Samsung G600 u ta' iPod tal-marka Apple mill-kamra numru 540, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bilvalur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin

centezmu (€2329.37) u li sehh ghaddetriment ta' Manon Laoni u/jew ta' persuna/i ohra;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom mobile phone tal-marka Sony Ericcson mill-kamra numru 440, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti millkamra numru 444, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bilmezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq mill-kamra numru 439, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz; Kif ukoll akkuzat talli:
5. F'San Pawl il-Bahar fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju u Awwissu 2008, matul il-jum ikkommetta serq ta' oggetti mill-kamra numru 4423 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti, digital camera tal-marka Olympus u MP3 mill-kamra numru 4424, tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' Valeri Nora Shirt u/jew ta' persuna/i ohra;
7. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom ta' iPod mill-kamra numru 5524 tal-lukanda St. Paul's

sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

8. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti u digital camera mill-kamra numru 410 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' Julia Karolina Halen u/jew ta' persuna/i ohra;
9. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti millkamra numru 239 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bilmezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
10. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti millkamra numru 240 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bilmezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
11. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom iPhone, mobile phone u iPod mill-kamra numru 243 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq itTuristi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
12. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom ta' speaker ta' iPod mill-kamra numru 340 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
13. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq t'oggetti fosthom ta' digital camera mill-kamra numru 341 tal-lukanda St.

Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

14. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti, ta' mobile phone tal-marka Sagem, ta' mobile phone iehor tal-marka Ericcson, ta' iPod tal-marka Apple, ta' digital camera, ta' photographic camera tal-marka Panasonic, u ta' xi hwejjeg, mill-kamra numru 7724 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' Matteo Salvatori u/jew persuna/i ohra;
15. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti, video camera tal-marka Samsung, u MP3, mill-kamra numru 7723, tallukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' Tomaso Scopoletti u/jew persuna/i ohra;
16. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom digital camera, mill-kamra numru 6624 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq itTuristi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
17. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, kkommetta serq ta' oggetti fosthom mobile phone tal-marka Samsung, iPod, MP3 u digital camera, mill-kamra numru 3318 tallukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sehh ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

18. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq mill-kamra numru 5523 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;
19. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jghamel delitt, u cioe' serq mill-kamra numru 6623 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;
20. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, bil-hsieb li jghamel delitt, u cioe' serq mill-kamra numru 3324 tal-lukanda St. Paul's sitwata fi Triq it-Turisti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz;
21. F'San Pawl il-Bahar fil-perjodu ta' bejn ix-xhur ta' Mejju u Awwissu 2008, matul il-lejl ikkommetta serq t'oggetti fosthom digital camera tal-marka Sony mill-kamra numru 4491, tal-lukanda Topaz sitwata fi Triq il-Mistrieh, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin, u li sehh ghaddetriment ta' persuna/i mhux maghrufa;
22. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, hin, lok u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, ikkommetta serq t'oggetti fosthom digital camera tal-marka Sony mill-kamra numru 3368, tal-lukanda Topaz sitwata fi Triq il-Mistrieh, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin, u li sehh ghaddetriment ta' persuna/i mhux maghrufa; Finalment qed jigi akkuzat wahdu talli:
23. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

24. Kif ukolli talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu nhar it- 23 ta' Mejju, 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
25. U finalment talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, fi zminijiet differenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-10 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti:

1. Iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni numru hamsa u ghoxrin (25) u illiberatu minnha;
2. Wara li rat l-Artikoli 28B tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni numru erba' u ghoxrin (24), imma astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha, stante li s-sentenza sospiza hemm imsemmija diga giet reza operattiva; u
3. Wara li rat l-Artikoli 18, 261(b),(c) u (f), 263, 267, 270, 278, 20 u 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi

Rat ir-rikors tal-appell ta Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma l-hitja tieghu, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illil-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-piena. Fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, kien imsemmi li l-probation officer kienet qed tirrakommanda li ma jinghatax setnenza, izda jidher li l-appellant ma kompliex jghix mal-foster parents

tieghu u spicca mix-xoghol. Izda jidher li ma investigax ghaliex gara hekk. Jidher li l-appellant ammetta l-fatt li telaq mid-dar kienet decizjoni zbaljata. Jidher li l-appellant ghandu bzonn aktar gwida umhux sentenza ta' prigunerija u hemm bzonn li terga ssir pre sentencing report biex jigi stabbilita l-ahjar triq ghall-appellant. Jidher li l-Qorti marret minn estrem ghall-estrem iehor, fejn kienet se taghti community work ghal sentenza ta' prigunerija oghlja hafna.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna biss l-piena inflitta fuq l-appellanti u dan ghar-reati lilu addebitati u ammessi minnu *in toto* fis-seduta tat-03 ta' Marzu 2010. Illi jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet wisq harxa mieghu meta giet erogata il-piena ta' sitt snin prigunerija u dana ghaliex ma haditx in konsiderazzjoni r-rapport maghmul mill-Ufficjal tal-Probation billi l-appellanti ghandu bzonn gwida f'hajjtu u mhux li jigi inkarcerat fejn allura kellha tigi erogata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u cioe' dik  ta' probation u ta' servizz fil-komunita' minflok dik ta' prigunerija. Fil-fatt fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell il-Qorti regghet semghet lil-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana li kien qed isewgi lill-appellanti sabiex tara jekk kienx hemm xi tibdil fic-cirkostanzi fil-hajja ta'l-appellanti hekk kif indikati quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation ma izid xejn ma dak sottomess minnu quddiem l-Ewwel Qorti u dan billi l-appellanti huwa issa inkarcerat u ghalhekk huwa ma baqax jigi sewgit mill-imsemmi Ufficjal. Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda kambjament fil-hajja ta'l-appellanti, li jista' b'xi mod iwassalha biex titbieghed mill-fehma ben motivata ta'l-Ewwel Qorti, liema fehma wasslitha sabiex teroga piena ta' sitt snin prigunerija ghas-seniela twila ta' serqiet kommessi mill-appellanti u ammessi minnu migbura  f'mhux inqas minn erba u ghoxrin akkuza. Illi anke il-*foster parents* ta'l-appellanti, ghalkemm b'qalb kbira u sens ta' altruwizmu baqghu isegwu lill-appellanti, jishqu illi huma lesti li jergghu jilqghuh gewwa darhom bil-kundizzjoni illi l-appellanti jirriforma hajjtu, haga li ma hijiex riflessa fl-atti ta' dan il-process penali[1] Dan ghaliex ghalkemm fil-*pre-sentencing report* ipprezentat quddiem l-Ewwel

[1] Ara xhieda ta' John Sultana

Qorti Ivan Sultana, l-ufficjal tal-probation kien irrakkomanda illi l-imputat jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija konsistenti f'Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita, madanakollu huwa kien biddel din ir-rakkomandazzjoni wara li ressaq rapport iehor, u dan qabel ma'l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha, fejn kien stqarr illi l-imputat kien rega' zvijja mit-triq it-tajba fejn kien telaq mid-dar tal-*foster parents* tieghu, abbanduna il-kors li kien qed jaghmel gewwa l-ITS u ma baqax jirraporta ghax-xoghol fejn anke kien tilef kuntatt mieghu.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:**

**""Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation...It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence...although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into**

**account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence…"**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[2]"**

Inoltre, kif inghad, l-Ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha b'mod ghaqli meta giet biex tikkalibra il-piena u hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom illi din ma kenitx l-ewwel darba illi l-appellanti kien instab hati ta' reati simili u li allura, fi kliem l-Ewwel Qorti, kien recidiv plurimu. Mhux biss izda anke applikat mitigazzjoni u dana meta hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat kien ikkopera mal-pulizija u anke ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fi stadju bikri oltre ghal fatt illi lanqas gie applikat l-aggravanti tar-reat kontinwat, tant ghalhekk illi l-piena erogata kienet wahda li tqarreb lejn il-minimum tenut kont tal-erba u ghoxrin akkuza li taghhom gie misjub hati. Illi fil-fatt il-qrati taghna, fejn ikun hemm l-ammissjoni tal-persuna akkuzata, kienu tal-hsieb illi:

**Meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[3]"**

Stabbiliti ghalhekk dawn il-gwidi gurisprudenjzali u applikati imbaghad ghal kaz in dizamina, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti li hadet in konsiderazzjoni il-fattispecje kollha tal-kaz u erogat piena fil-parametri dettati mill-ligi.

---

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F.h. Ben Abid deciza 04/12/2003

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur